**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 247/2018 CFF**

**J. Zammit Limited (C37945)**
**vs**
**Nazzareno Gauci (684650M) u Maria Anna Gauci (KI 59358M)**

**Illum 8 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' J. Zammit Ltd (C 37945), fejn esponiet:

Illi l-konvenuti għandhom jiġu kkundannati iħallsu s-somma ta' tmien t'elef u mija u wieħed u erbgħin ewro u dsatax-il ċentesmu (€8,141,19) rappreżentanti bilanċ fuq prezz ta' bejgħ ta' Mercedes Benz 200 saloon bin-numru ta' reġistrazzjoni POQ992, inkluz interessi u charges akkumulati sat-2 ta' Ottubru 2018.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u mandat ta' qbid numri 1977/2018 u 1976/2018 kif ukoll dawk tal-ittra uffiċċjali 166A numru 1934/2018 u bl-interessi fuq indikat sorte mit-2 ta' Ottubru 2018 sad-data ta ħlas effetiv kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti **Maria Anna Gauci u Nazzareno Gauci** fejn esponew:

1. Illi l-konvenuti gew notifikati bir-rikors fuq imsemmi nhar it-13 ta' Novembru 2018 u in ottemperanza mat-terminu mogħti skont il-liġi, ser jagħddu sabiex jissottomettu r-risposta tagħhom:
2. Illi t-talba tas-soċjeta' attrici hija mproponibbli u dan sta għal fatt li ma tezżsti ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta J. Zammit numru ta' reġistrazzjoni C37945 rikorrenti u l-konvenuti;
3. Illi għaldaqstant it-talba tas-soċjeta rikorrenti m'għandiex tiġi milqugħa u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti;
4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta rikorrenti għanda ġġib prova tat-talba tagħha dan fir-rigward tal-ammont diġa' mħallas, il-bilanċ attwali dovut, interessi u charges li għamlet referenza għalihom fit-talba tagħha;
5. Illi l-konvenuti filwaqt li jżommu ferm mal-premessa tagħhom cioe' dik li ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta rikorrenti u l-konvenuti joġġezzjonaw ukoll għal talba għal ħlas ta' spejjeż kif indikati u dan għal raġunijiet validi kif ser jirriżultaw waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;
6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż

**Raymond Zammit** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li l-konvenuti kienu xtraw mingħandu Mercedes Benz 200 għal prezz mifthiem ta' 13,347.50 ewro. Illi kien sar pagament ta' 3,500 ewro kif ukoll kienu ingħataw is-somma ta' ħames mitt ewro (500) għal vettura li huma kellhom bħala parti mill-ħlas li jrid jitnaqqas. Illi għalhekk ħallsu bil-quddiem is-somma ta' 4,000 ewro akkont tal-prezz. Għalkemm kien qiegħed isir ħlas regolari, ġara li f'Jannar 2018 dawn waqqfu jħallsu u għalkemm inbgħatet ittra xorta waħda ma ħallsux. Wara dan inbgħatet ittra uffiċċjali li xorta waħda ma ħallsu xejn u ġiet ikkontestat fejn il-kumpanija kienet qegħda titlob il-ħlas ta' 8144 ewro. Huwa esebixxa diversi dokumenti fosthom kuntratt li l-partijiet iffirmaw bejniethom għax-xiri ta' din il-vettura.

In kontro-eżami Raymond Zammit xehed fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2021 fejn qal li l-ammont ta' 4,000 ewro ġew imħallsa bħala depożitu li kienu fi flus u vettura. Saret bejgħ xiri ta' vettura għas-somma ta' ħames mitt ewro. Meta mistoqsi rigward il-paragrafu 2.2.3 li jispiċċa 'in accordance with clause' ma setax jagħti spjegazzjoni kif qegħda fil-kuntratt. Illi il-figura msemmija ta' ħlas li kellu jsir ta' 183.17 ewro jinkludi wkoll l-interessi f'dak l-ammont. Huwa kompla jgħid li jekk ma jitħallsux xi pagamenti, l-interessi jmorru wkoll max-xahar ta' wara għax dawn jiżdiedu. Huwa innega li qiegħed jitlob imgħax doppju wkoll minn din il-Qorti fil-kawża li fetaħ. Huwa ikkonferma li dokument li ġie muri liu huwa biss kif għandhom isiru l-ħlas u mhux meta

saru l-ħlasijiet. Illi kien hemm ukoll ħlas addizjonali ta' kambjali u charges oħra.

Illi meta xehed ukoll fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2022, kien interpella lil konvenut permezz ta' mandate sabiex jieħu lura l-vettura u anki kien bagħat ittra uffiċċjali. Huwa mexa skont il-kuntratt li kien sar bejn il-partijiet. Illi l-konvenut kien naqas jagħmel ħafna pagamenti. Huwa kien xtara l-vettura għas-somma ta' mitt ewro meta din l-istess vettura in kwistjoni kienet inbiegħet bis-subbasta.

Il-Qorti rat id-dokumenti esebieti u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti tal-Kaz**

Illi s-socjeta attrici fethet kawza kontra l-konvenuti minhabba li ma halsux dak li kien dovut wara li kienu xtraw vettura tal-ghamla Merceds Benz 200 minn ghandhom. Illi minn naha tal-konvenuti qalu fost affarijiet ohra li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-socjeta ttrici u dan minhabba l-fatt li qatt ma xtraw minn ghand is-socejta attrici izda minn ghand Ray Auto Dealer. Illi fil-fatt skont id-difiza taghhom fil-mori ta' dawn il-proceduri li l-kuntratt esebiet huwa differenti minn dak li huma esebew. Illi ghandu jinghad li l-istess konvenuti ma xehdux f'dawn il-proceduri izda kien biss Raymond Zammit li xehed ghan-nom tas-socjeta attrici.

**Ikkunsidrat**

*Leġittimu Kuntraditturi*

Illi l-konvenuti qajmu l-eċċezzjoni li huma m'għandhomx relazzjoni ġuridika mas-soċjeta attriċi u għalhekk mhumiex il-leġittimi kuntradditturi f'dawn il-proċeduri. Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi tal-każ, teżistiex din ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet jew le. Illi għalhekk jekk ikun il-każ li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti mhumiex il-leġittimi kuntraditturi, allura il-Qorti ma tkunx tista' tkompli bil-każ fil-konfront tagħhom. Il-Qorti tagħmel referenza għal każ ta' **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001 fejn intqal hekk:

> *"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Għalhekk mill-provi mressqa f'dawn il-proċeduri, l-konvenuti jikkontendu b'dokument, li esebew juri li r-relazzjoni tagħhom għax-xiri ta' din il-vettura kienet ma' Ray Autodealer u mhux mas-soċjeta attriċi. Illi min-naħa tas-soċejta attriċi, hija wkoll esebiet dokument u cioe' il-kuntratt tal-bejgħ ta' din il-vettura. Illi hawnhekk il-Qorti għandha quddiemha żewġ dokumenti għall-istess vettura in kwistjoni pero' d-differenza hija li wieħed qiegħed fuq is-soċjeta' attriċi waqt li l-ieħor huwa fuq ħaddiehor. Għandu jingħad li l-konvenuti ma xehdux sabiex jispjegaw din id-differenza u ħallew kollox f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi. Illi mingħajr tlaqlieq ta' xejn, il-provi għandhom jinġiebu min-naħa tal-parti jekk trid tipprova l-ħsieb tagħha u x-xogħol tal-Qorti hija li tifli dawk il-provi sabiex tkun tista' tasal għal konklużjoni u dan magħdud mal-fatt ta' spjegazzoni. Illi f'dan il-każ, il-Qorti tinnota li id-dokument esebiet mill-istess konvenuti mhuwiex iffirmat minn ebda parti. Illi għal kuntrarju tal-kuntratt esebiet mill-istess soċjeta' attriċi huwa ferm differenti għal raġuni li ġie iffirmat mill-partijiet kollha involuti fosthom l-istess konvenuti. Illi f'dawn il-proċeduri ma kienx hemm talba almenu sabiex jiġu eżaminati l-firem ladraba issa qiegħed jingħad li dak il-kuntratt mhux awtentiku u anki seta gie magħmul. Illi din il-Qorti fid-dawl taċ-ċirkostanzi mingħajr dubju tara li aktar huwa probbbali l-kuntratt tal-bejgħ tal-vettura huwa dak li gie esebiet mill-istess socjeta' attriċi u dan fl-isfond li l-kuntratt esebiet mill-istess konvenut la huwa iffirmat u lanqas ingħata spjegazzjoni tal-mod kif sar dan il-kuntratt u kif ġie fil-pussess tagħhom. Illi min-naħa tal-konvenut sabiex juru li fil-fatt ma hemmx relazzjoni ġuridika mas-soċejta' attriċi, esebew dokumenti ta' ħlas li huma kienu għamlu għal din il-vettura.

Illi l-istess dokument li hemm diversi minnhom juriu diversi trade names li ġew użati mill-istess persuna li ħadu l-pagamenti. Illi pero' li jorbot huwa l-kuntratt oriġinali tal-bejgħ ta' din il-vettura li saret bejn iż-żewġ partijiet u cioe bejn is-soċjeta attriċi u l-konvenuti. Illi għalhekk din il-Qorti tara li hemm relazzjoni ġuridika bejn iż-żewġ partijiet.

**Ikkunsidrat**

Qed issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 (Ċitazzjoni Numru.1348/2000/TM) fil-kawża fl-ismijiet '**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe'** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat.*

Huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba. Illi għalhekk il-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara **Clive Simpson vs John Saliba nomine et,** PA 22/06/2004 u **Frendo vs Caruana**, App Civ 28/01/1999).

Fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħom il-partijiet (ara **Brincat vs Saliba**, App Ċiv 14/11/1983). Il-kunsens, veru li għandu jkun espressjoni tal-volonta' ta' dak li ta l-kunsens, pero', meta l-kunsens jingħata forma solenni ta' att pubbliku, hu preżunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volonta' interna tal-kuntraent. Il-prova kuntrarja, biex twaqqa' dak li jirriżulta minn att pubbliku, trid tkun ċara, inekwivoka, u konkludenti (**Grech vs Ciantar**, Qorti tal-Kummerċ 21/05/1979).

F'dan il-każ is-soċjeta attriċi daħlet fi ftehim mal-konvenuti sabiex tbiegħ vettura lilhom u skont l-istess ftehim li sar kien hemm ukoll akkont mill-prezz is-somma ta' 4,000 ewro li ħames mitt ewro minnhom kienet għal vettura tal-għamla FIAT. Dan il-ftehim kien sar u ġie iffirmat mill-partijiet kollha. Illi din il-Qorti diġa' daħlet fil-kwistjoni ta' kopja ta' kuntratt mhux iffirmat li ġie esebiet mill-istess konvenuti, liema dokument ma ġiex meqjus li kien il-ftehim li kien seħħ bejn il-partijiet. Illi l-kuntratt jitkellem b'mod ċar ta' kemm kien il-prezz mifthiem bejn il-partijeit u l-ammont li jrid jitħallas fix-xahar inkluż rendikont tal-imgħax. Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Grace Spiteri vs Carmel sive**

**Lino Camilleri et"** (Cit. Nru: 3535/96/RCP) deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2002 ingħad li:

> *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".* (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi *inoltre* ġie deċiż illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. (RCP) 30 t'Ottubru 2001. Illi ghalhekk din il-Qorti tara li l-konvenuti naqsu milli jonoraw l-obbligi kuntrattwali taghhom sabiex ihallsu dak li kien dovut skont il-ftehim iffirmat mal-partijiet.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjeta attriċi billi tordna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef mija wieħed u erbghin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€8141.19).

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid numru 1977/2018 u 1976/2018 kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċċjali 166A numru 1934/2018 u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**